**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA TAT-8 TA' GUNJU, 2001**.

Citazzjoni Numru 2496/98

fl-ismijiet:

**MALTACOM p.l.c.**

**-vs-**

**EUROCEREAL COMPANY LIMITED**

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness u mmarkat bhala Dok A, is-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm1,945.41c0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tan-numri telefonici 658102, 688304, 684727, 658057;

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat aness u mmarkat bhala Dok. B;

Illi s-socjeta' attrici sejhet diversi drabi lis-socjeta' konvenuta sabiex ihallsuha l-ammont imsemmi izda dawn baqghu inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghat-tenur tal-artikoli 167 u 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta' attrici qieghda tannetti ma' dan l-att Affidavit (Dok. C) ghall-iskop tal-istess artikoli msemmija;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm1,945.41c0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tan-numri telefonici 658102, 688304, 684727, 658057 skond il-prospett esebit bhala Dok. B ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inklzi dawk tal-ittra ufficjai, tal-Mandat ta' Sekwestru u l-Manda ta' Qbid u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali - kollha kontra s-socjeta' konvenuta li giet minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u

naqset li tidher ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqghet kontumaci;

Ikkunsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talbiet jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta konvenuta tiddeaciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur